**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Rue D'Argens Gżira
Tel 21341034 Fax 21341616 e-mail gzira.lc@gov.mt

# Rapport Amministrattiv Annwali

Jannar sa Diċembru 2010

Werrej

1. Kummenti mis-Sindku

2. Rapport Amministrattiv

   a. *Daħla*

   b. *Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-Sena minn Jannar sa Dicembru 2010*

   c. *Rapport ta' nfieq Finanzjarju*

   d. *Amministrazzjoni tal-Kunsill*

   e. *Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2012*

   f. *Għeluq*

# Kummenti Tas-Sindku Dwar Ir-Rapport Amministrattiv Tas-Sena minn Jannar 2010 sa Diċembru 2010

## Messaġġ tas-Sindku

Ħbieb,

Għaddiet sena oħra u dalwaqt deħlin f'dik illi hija l-aħħar sena tal-leġislatura ta' dan il-Kunsill Lokali liema leġislatura, kienet l-itwal waħda fl-istorja tal-Kunsill Lokali tal-Gżira. Bħalma jidher f'dan ir-Rapport Amministrattiv fl-aħħar sena sar ħafna xogħol illi jkompli jikkonferma kemm dan il-Kunsill Lokali jista' jħares lejn it-terminu tiegħu fit-tmexxija bħala wieħed ta' suċċess u li fih sar ħafna xogħol li qiegħed ta' kuljum itejjeb aktar l-għixien tar-residenti tal-Gżira.

Is-sena li ġejja mhux ser tkun inqas. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali għandu numru ta' proġetti li, flimkien ma' dawk li aħna nsejħulhom affarijiet ta' kuljum' bħalma huma tindif, ġbir ta' l-iskart, *patching* tat-toroq, sinjali tat-traffiku u attivitajiet kemm kulturali, edukattivi u soċjali ser jagħlqu ċ-ċirku fuq il-ħidma ta' dan il-Kunsill, illi fl-ewwel snin tal-leġislatura ikkonċentra fuq dawk il-proġetti l-kbar illi tant kien hemm bżonn illi jsiru u fit-tieni parti tal-leġislatura ikkonċentra aktar fuq dik illi hija l-infrastruttura tal-lokal.

Fis-sena illi għandna quddiemna, l-Kunsill Lokali ser jagħmel mill-ġdid it-Toroq Sir Frederick C. Ponsonby u Sir Patrick Stuart liema toroq, jaqgħu taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership (PPP)*. Barra minn hekk, ser jibda l-proġett tal-Bankini tal-lokal illi huwa maqsum fi tliet fażijiet, b'din is-sena l-attenzjoni tiġi ffukata fuq l-ewwel fażi, jiġifieri t-tibdil tal-bankini kollha f'dak illi jissejjaħ iċ-ċentru tal-lokal u cioe' l-*area* tal-Knisja, ix-Xatt u t-toroq tal-madwar. Dan il-Kunsill għandu jlesti wkoll, l-*embellishment* ta' Pjazza Gerry Zammit liema progett, issa ngħata l-permessi kollha neċessarji mill-MEPA, sabiex fl-aħħar iseħħ.

Oltre dan, il-Kunsill ser ikompli jżid l-isforzi tiegħu sabiex jitneħħew aktar *skips* ta' l-iskart imħallat, u dan sabiex dawn jiġu rimpjazzati bi *Bring-in-sites* bħala parti mill-pjan nazzjonali ta' l-Ambjent. Is-sistema llum ingranat sew, u għalkemm għad fadal fejn nimxu 'l quddiem f'ċertu aspetti, nistgħu ngħidu li it-tranżizzjoni minn kultura żbaljata ta' skart imħallat għal waħda li aktar tirrispetta l-ambjent fejn is-separazzjoni ta' l-iskart tibda' mid-djar tagħna stess.

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, qiegħdha tiġi studjata l-possibilita' li ssir attivita' kbira ġewwa l-lokal liema attivita', għandha tpoġġi l-Gżira fuq il-mappa kulturali ta' pajjiżna, bl-attenzjoni ddur fuq il-pożizzjoni storika u strateġika tal-lokal tagħna fi żmien il-ħakma ta' l-Imperu Ingliż.

Dan u aktar ser ikunu l-bażi fuq xiex dan il-Kunsill Lokali ser ikun qed jopera fl-aħħar sena tal-ħidma tiegħu. Jiena, bħala Sindku, ma nistax bħal dejjem ma nirringrazzjax lil dawk il-persuni li qed jagħmlu dan is-suċċess possibbli u nibda minn sieħbi l-Viċi-Sindku Joe Camilleri u nkompli bil-Kunsilliera l-oħra ta' dan il-Kunsill, kemm Laburisti u Nazzjonalisti, li fil-ħidma tagħhom dejjem iġibu l-interessi tar-residenti tal-Gżira qabel kull preferenza partiġġjana li jista' jkollhom. Grazzi oħra tmur għall-i*staff* kollu ta' dan il-Kunsill li jaħdem qatigħ sabiex dan il-Kunsill iwettaq tant xogħol tajjeb b'risq il-Komunita' tagħna.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

## 2. REF NRU ADMRP 16/2010 *RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA minn Jannar sa Diċembru 2010.*

### a. DAĦLA

Matul is-sena 2010, il-Kunsill Lokali kompla jaddatta s-sistemi tiegħu a bazi tad-diversi punti riformattivi hekk kif mħabbra u mplimentati fis-sena preċedenti mill-Gvern Ċentrali. Fil-fatt, waħda mill-punti ewlenin msemmija kienet, li apparti l-allokazzjoni finanzjarja diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill permezz ta' skemi mħabbra mill-istess Gvern, applika għall-fondi addizzjonali sabiex b'hekk ikun jista' jżied in-nefqa annwali tiegħu għall-ġid tal-komunita' Gżirjana.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, l-allokazzjoni diretta li ammontat għal €464,371 (Lm199,354.47) liema allokazzjoni kienet maħduma skont il-formola l-ġdida, li tifforma parti mit-tmien skeda ta' l-Att XVI tal-2009 Konsolidazzjoni tal-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali, bbażżata fuq l-funzjonijiet hawn taħt imsemmija:

1. iżżamma ta' parki, ġonna u *soft areas*
2. manutenzjoni ta' toroq
3. immaniġjar ta' l-iskart, nkluż tindif tat-toroq
4. nefqa għall-amministrazzjoni, nkluż l-*allowance* tas-Sindku u l-Kunsillieri
5. fond għall-aġġustament
6. ammont allokat għall-*tipping fees*

B'hekk għall-ewwel darba, l-Kunsill irċieva flus direttament għall-ispejjeż tat-*tipping fees*, li huma relatati ma' rimi ta' skart mħallat. Apparti minn din l-allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill Lokali kellu wkoll għad-dispożizzjoni tiegħu, flus mill-fond tal-*Urban Improvement Fund* fi ħdan il-*M.E.P.A.*, sabiex ikunu jistgħu jkomplu jiġu ppjanati u mwettqa proġetti ta' tisbieħ fil-lokalita'.

Fil-fatt, matul din is-sena finanzjarja l-Kunsill kompla jaħdem fuq ir-raba' proġett li ser isir mill-fond tal-*U.I.F.* li hu l-ewwel minn erba' żoni ta' tibdil tal-bankini, liema progett jinkludi x-Xatt u l-*Area* Ċentrali. Preżentament l-Kunsill Lokali permezz tal-persuni professjonali tiegħu, qed jiffinalizza d-dokument tas-sejħa għall-offerti bl-għan li jiġi ppubblikat fil-ġimgħat li ġejjin. Intant, proġett ieħor li għadha għaddejja l-ħidma fuqu, hu dak tat-tranġar u tisbieħ ta' Pjazza Gerry Zammit, proġett, li sfortunatament ħa ferm aktar milli l-Kunsill kien qed jippretendi u dan għar-raġuni li minkejja li din il-pjazza tifforma parti mill-ġurisdizzjoni ta' dan il-Kunsill, l-awtorita' kompetenti dwar l-immaniġjar tat-traffiku, kienet qed titlob ukoll approvazzjoni tas-sistema tat-traffiku minn lokalita' oħra.

Kif ġie aċċennat aktar 'l fuq, l-Kunsill Lokali għamel diversi talbiet permezz ta' l-iskemi mneddija mill-Gvern Ċentrali u b'hekk matul din is-sena finanzjarja l-Kunsill ibbenefika ukoll, mill-ammonti segwenti:

- €466 għall-xiri ta' kotba ġodda għall-Librerija Pubblika
- €8,500, nofs l-ammont mħallas sabiex setgħet tiġi tranġata l-parti ta' fuq ta' Triq D'Argens, minħabba l-fatt, li din it-triq kienet tifforma parti mir-rotta prinċipali taż-Żjara tal-Qdusija tiegħu l-Papa f'Malta, f'April li għadda
- rigward it-toroq Sir Patrick Stuart u Sir Frederick Ponsonby taħt l-iskema *Public Private Partnership,* il-pagamenti lill-kuntrattur jridu jsiru 40% malli jitlesta x-xogħol tar-resurfacing, 20% wara l-ewwel sena mit-twettiq tax-xogħol u wara t-tieni sena, l-Kunsill iħallas 10%. Imbagħad għas-snin l-oħra sat-tmien snin, il-Kunsill iħallas 5% kull sena.
- l-Kunsill Lokali ngħata l-apparat neċessarju sabiex tkun tista' tiġi nstallata *WiFi System* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira
- l-Kunsill Lokali hu eleġibbli li jirċievi parti mill-ħlas għad-diversi korsijiet li qed isiru taħt l-iskema Tagħlim Tul il-Ħajja
- €4,000 mid-ditta *Vodafone* fl-għeluq l-20 sena anniversarju mit-twaqqif taghha sabiex jintużgħu għall-inizjattivi ambjentali
- €100.00 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf

Intant, apparti l-applikazzjonijiet hawn fuq imsemmija, l-Kunsill ressaq ukoll talbiet oħra fosthom sabiex jiġu nstallati sistemi t'użu t'enerġija alternattiva fi Pjazza Gerry Zammit, fondi speċjali għall-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali, skema ta' finanzjament għal restawr ta' Bieb il-Gżira bħala post storiku żgħir, inizjattivi lokalitajiet indaf kif ukoll, għajnuna għal żieda t'aktar taħwil ta' siġar f'postijiet pubbliċi. Fir-rispett ta' l-ewwel tliet talbiet, l-applikazzjonijiet ta' dan il-Kunsill ma ġewx milqugħa, għal inizjattiva lokalitajiet indaf, l-Kunsill irċieva biss parti żgħira mill-ispejjeż dikjarati minkejja l-fatt, li l-attivitajiet ambjentali ġew organizzati filwaqt li għall-aħħar talba, minħabba li d-domanda kienet akbar minn dik mistennija, l-applikazzjoni għadha pendenti.

B'hekk, permezz ta' fondi mill-*U.I.F.* u għajnuna oħra finanzjarja minn fondi oħra mnedija mill-Gvern, qed jingħata lok lill-Kunsilli Lokali, sabiex filwaqt li jkunu jistgħu jitwettqu proġetti li mhux possibbli li jsiru mill-allokazzjoni annwali, bl-ebda mod ma jkun hemm il-ħtieġa li jew jitnaqqsu s-servizzi eżistenti jew jirriżolvi għal servizzi ta' kwalita' nferjuri biex isiru proġetti simili.

## b. Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-sena Jannar sa Diċembru 2010

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kompla fuq il-pjan mibdi fis-sena amministrattiva preċedenti kif ukoll, ta' spinta f'ċertu oqsma u anke kien innovattiv bl-implimentazzjonijiet li wettaq.

B'kontinwazzjoni għal dak imħabbar sa mill-bidu ta' din il-leġislatura, dan il-Kunsill Lokali kompla jespandi l-kalendarju t'attivitajiet kulturali tiegħu. Fil-fatt, ma naqsux l-attivitajiet marbuta maċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Gżira, li bdew it-Tnejn 10 ta' Mejju bi żjara lill-Anżjani fid-Dar ta' tal-Gżira u l-għada 11 ta' Mejju saret żjara lill-Anzjani Gżirjani residenti f'San Vincenz de Paule. L-Erbgha 12 ta' Mejju kien imiss lill-anzjani li huma residenti f'Casa Leone, żjara li saret għall-ewwel darba filwaqt li ż-żjajjar lill-anzjani fil-lokalita' ġew maqsuma fuq il-jumejn segwenti. Dan wassal, sabiex nhar Jum il-Gżira, jiġifieri fil-15 ta' Mejju 2010 ntagħlqu l-attivitajiet permezz ta' Quddiesa ta' Radd il-Ħajr.

Kemm l-attivitajiet sajfin fix-Xatt kif ukoll, it-tiżjin tad-dawl tal-Milied reġgħu saru, biż-żieda li apparti ix-Xatt, Pjazza Meme' Scicluna, Misraħ Turu Colombo, sar tiżjin quddiem iċ-Ċentru t'Attivitajiet fil-parti ta' fuq ta' Triq San Albert. L-għan tal-Kunsill hu li din l-inizjattiva tkompli tikber sabiex f'dawn il-ġranet ta' festi, diversi partijiet tal-lokalita' jingħataw aktar ħajja.

Il-kulminu ta' l-attivitajiet tal-festi tal-Milied intlaħaq nhar il-Milied stess, meta l-Kunsill Lokali, għat-tieni sena konsekuttiva, organizza ikla fiċ-Ċentru t'Attivitajiet għar-residenti li f'din il-ġurnata li tradizzjonalment l-familji jiltaqgħu u jiċċelebrawha flimkien, dawn ikunu weħidhom. Bla dubju, din l-attivita', li din is-sena ġiet organizzata mis-Sindku Chris Bonett, reġgħet wasslet il-messaġġ li l-Kunsill Lokali qiegħed hemm għal kullħadd u jimpenja ruħu bis-sħiħ bis-servizz li jagħti sabiex b'ħidmitu jilħaq lil kulħadd. F'dan l-istadju, tajjeb li jingħad li s-suċċess ta' din l-attivita' hu attribwit ukoll għall-għajnuna li l-Kunsill Lokali sab minn diversi negozjanti fil-lokalita' fosthom, *Matthew's Vegetables, Johnny Crai Self Service, Gżira Self Service Store, J&M Butcher, London Butcher, Queens Confectionery, Welcome Garage, l-Partit Laburista u Stivala Operators Ltd,* li taw prodotti ta' l-ikel bla ħlas kif ukoll, transport, servizz ta' platti eċċ u donazzjonijiet finanzjarji sabiex jinfdew l-ispejjeż l-oħra. Ringrazzjament isir ukoll lill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem li għat-tieni sena offriet is-servizz tagħha li tagħmel it-tisjir għal din l-attivita'.

Jekk kien hemm impenn fil-qasam soċjali u kulturali l-istess jista' jingħad għal dak edukattiv, fejn bi tkomplija mas-sena preċedenti, l-Kunsill estenda l-attivitajiet edukattivi tiegħu għal matul din is-sena, li qed jiġu organizzati fiċ-Ċentru ta' Attivitajiet. Il-Kunsill kompla bil-parteċipazzjoni tiegħu fil-kampanja l-'Ktieb Teżor' mad-ditta *Merlin*

*Libraries*, kampanja, li kif l-Kunsill Lokali dejjem spjega, hi mmirata għall-ġenituri u t-tfal li jkunu ser jibdew l-ewwel sena skolastika tagħhom. Għalhekk, bħal ma sar fil-passat inxtara pakkett ta' kotba li ġew regalati lil kull tifel u tifla li bdew l-ewwel sena tal-*kindergarden* f'Ottubru 2010, mis-Sindku. Anke fir-rispett tal-korsijiet tal-*crafts*, għat-tielet sena konsekuttiva l-Kunsill kompla għaddej fuq il-kunċett ta' *crafts clubbing*, bit-tagħlim jingħata mill-kordinattriċi Alexandra Galea.

Madanakollu, anke dan l-aspett ġie msaħħaħ għaliex taħt is-superviżjoni tas-Sna Galea, r-residenti li jattendu dawn il-korsijiet bla ħlas, bil-ħilijiet li tgħallmu preparaw riġali għar-residenti l-oħra li attendew għall-ikla tal-Milied kif ukoll, dawk li tqassmu lir-residenti fid-Dar ta' l-Anzjani li hemm fi Triq ix-Xatt, Gżira, lir-residenti Gżirjani li bħalissa jinsabu f'San Vinċenz De Paule u Casa Leone u residenti anzjani li jgħixu f'din il-lokalita'. Għal darba l-Kunsill poġġa fil-prattika l-kunċett ta' komunita', fejn ir-residenti jagħtu minn dak li jkunu rċevew mill-istess lokalita'.

Kif msemmi aktar 'l fuq, permezz ta' l-aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Kunsill Lokali li jipparteċipa fl-inizjattiva Tagħlim Tul il-Ħajja, l-Kunsill Lokali setgħa joffri diversi korsijiet u għall-ewwel darba apparti t-tagħlim fil-lingwi tal-Malti, Taljan u Ngliż, beda jingħata taħriġ ukoll, fil-lingwa Spanjola. Intant, tramitte ta' l-istess skema l-Kunsill ntroduċa kors ieħor dak tal-*Health and Wellbeing*.

Anke matul din is-sena l-Kunsill kompla joffri t-tagħlim fil-qasam ta' informatika lit-tfal, liema taħriġ sar mid-ditta *TcTc*.

Kif ssemma aktar 'l fuq, bil-parteċipazzjoni fl-iskemi mnedija kien possibbli ghall-Kunsill Lokali li jibbenefika minn fondi addizzjonali sabiex kien possibbli li jinxtraw aktar kotba u b'hekk l-għażla ta' kotba għall-qarrejja kibret. Filwaqt li tkabbir fin-numru ta' kotba jattira aktar abbonati għaliex ikun hemm aktar versatilita' madanakollu, s-suċċess li qed jintlaħaq f'dan is-settur edukattiv hu mertu ukoll tal-librara Sna Nathalie Camilleri. Bla dubju d-disponibbilita' u l-flessibbilita' tal-librara huma fatturi ferm importanti li qed issaħħu dan il-qasam u b'dawn l-elementi quddiemu, l-Kunsill Lokali jkompli jimtela bil-ħeġġa biex iżid l-impenn tieghu u jwessa' s-servizz offrut li preżentament hu aċċessibbli għall-pubbliku t-Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt mid-09.00 a.m. sa 12.00 p.m.,

Bla dubju s-sena 2010, kienet sena mportanti għall-ħidma fil-qasam sportiv. Bosta kienu t-tentattivi ta' dan il-Kunsill tul is-snin biex ikun hemm *ground* fil-lokalita' li qatt ma mmaterjalizzaw iżda finalment il-proposta alternattiva tal-Kunsill Lokali li l-*ground* ta' l-iskola Sekondarja jkun mmodernizza f'*synthetic football ground* intlaqgħet. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali ppropona lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Segretarjat Parlamentari għaż-żgħażagħ, Kultura u Sport u l-Kunsill

Malti għall-Isports sabiex dan il-post ikun konvertit u b'hekk wara l-ħin skolastiku dan il-*ground* jiġi wżat mill-*Gżira United Football Nursery* għat-taħriġ tat-tfal. Dan wassal, sabiex matul ix-xhur sajfin, sar ix-xogħol neċessarju biex b'hekk, fl-1 t'Ottubru 2010, dan il-post ġie nawgurat.

Ċertament, il-Kunsill iħoss sodisfazzjon kbir meta jara li b'ħidmitu, t-tfal tal-Gżira għandhom post addattat fejn jistgħu jagħmlu t-taħriġ tagħhom. Ġie ffirmat ukoll, kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-*Gżira United Football Club* permezz ta' liema, l-Kunsill obbliga ruħu li jgħaddi €8,000 fis-sena għall-manutenzjoni ta' l-istess *ground* biex b'hekk ikun possibbli li jinżammu l-i*standards* professjonali tiegħu.

Il-Kunsill Lokali kompla bl-impenn infrastrutturali permezz ta' sejħa għall-offerti sabiex jkunu jistgħu jsiru l-bankini u l-asfaltar tat-toroq Samuel Taylor Coleridge, Immakulata Kunċizzjoni u Nicola Cottoner. Fil-fatt, wara sejħa pubblika, intagħżlet id-ditta *Road Servicing LTD* sabiex tagħmel ix-xogħlijiet neċessarji u sabiex l-inkonvenjent ikun mill-inqas possibbli, l-Kunsill kompla fuq il-procedura addotta ta' kull meta ssir triq, u għamel kuntatt ma' l-entitajiet kollha neċessarji li għandhom is-servizzi tagħhom li jgħaddu minn taħt l-art. B'hekk, jekk jkunu hemm bżonn li dawn is-servizzi jinbidlu jew isir manutenzjoni fuqhom, dan ix-xoghol jsir fl-istess frattemp li jkun qed isir l-iżvilupp infrastrutturali mill-Kunsill. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma kienet l-unika waħda li wieġbet pożittivament għat-talba tal-Kunsill u b'hekk apparti minn toroq u bankini ġodda, r-residenti qed igawdu ukoll minn servizz ta' ilma aħjar.

Bi tħejjija għax-xhur xitwin, il-Kunsill Lokali reġgħa naddaf il-bokok u l-meded kollha tal-*culverts* ta' Triq ix-Xatt minn Triq Imsida sa Triq San Ġorġ, Triq Emanuele Giordano, Triq Luqa Briffa u Triq Sliema.

Filwaqt li l-manutenzjoni u l-indafa ta' l-*istorm water culverts* hi responsabbilita' tal-Kunsill Lokali, dik ta' bini jew rikostruzzjoni tifforma parti mir-responsabbilita' tal-Gvern Ċentrali. Bla dubju, l-lokalita' tagħna hi waħda mill-aktar milqutgħa mill-għargħar u l-pressjoni mill-Kunsill Lokali sabiex jinbnew aktar *culverts* ma naqset qatt u b'sodisfazzjoni l-Kunsill jinnota, li matul din is-sena kien konsultat diversi drabi dwar x-xogħlijiet relatati ma' dan il-qasam. Fil-fatt, l-i *Storm Water Unit* talbet il-kummenti tal-Kunsill dwar estenzjoni ta' bini ta' *culverts* fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex kif ukoll, saru diversi laqgħat dwar in-*National Flood Relief Project* u t-tranġar tal-ġibjun li hemm f'Wied Għollieqa. Fir-rispett tan-*National Flood Relief Project*, il-Kunsill Lokali, permezz tan-nies tekniċi tiegħu, għamel diversi sottomissjonijiet lill-*M.E.P.A.* sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni qabel ma' din l-Awtorita' tieħu d-deċiżjoni finali tagħha, fis-sena konsekuttiva. Dwar it-tranġar tal-ġibjun, il-Kunsill Lokali qed ikompli jħeġġeġ lill-Gvern Ċentrali sabiex la darba dan hu ppjanat li jsir,

jingħata prijorita' għaliex b'hekk jkun jista' jitkompla ukoll, il-proġett l-ieħor ta' l-*istorm water culvert* li jibda minn Triq Dr. Guze' Miceli, jinżel Triq Turu Rizzo kollha u jgħaqqad ma' dak eżistenti fi Triq Sliema. S'issa minn dan il-proġett ġiet konkluża l-ewwel fażi u cioe' minn Triq Sliema sal-parti t'isfel ta' Triq Turu Rizzo. Għalhekk, ġaladarba jitlesta x-xogħol fuq il-ġibjun, jkun jista' jitlesta ukoll, ix-xogħol relatat ma' l-i*storm water culvert* tul Triq Turu Rizzo, bl-għan li anke din it-triq ma tibqax is-sofri mill-għargħar kif ukoll, isirulha s-servizzi ġodda, jinbidlu l-bankini u jingħata' tarmak ġdid kif kien mħabbar fil-programm ta' bini ta' toroq residenzjali mill-Gvern Ċentrali fuq talba tal-Kunsill Lokali ta' dak iż-żmien.

A bazi tal-kuntratti perjodiċi, tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ fis-*soft areas* u fix-Xatt mill-*E.L.C.,* saru xogħlijiet ta' *road markings,* tranġar u nstallazzjoni ta' tabelli ġodda tat-toroq mill-Ko-perattiva Tabelli u Sinjali kif ukoll, l-kuntrattur George Spiteri għan-nom tad-ditta *J & K Contractors* kompla għaddej bil-ħidma ta' xogħlijiet ta' *Patching and Pavement Re-Instatement Works*.

Apparti dawn is-servizzi, dan il-Kunsill Lokali joffri ħidma oħra permezz tal-ħaddiema ta' l-I.P.S.L. assenjati mal-Kunsill u ħaddiem assenjat mill-Gvern Ċentrali li huma mpenjati fuq xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' partikularment xogħol ta' ħadid, żebgħa ta' bankijiet u gazebos, installazzjoni ta' reċipjenti għall-iskart partikularment f'postijiet rekreattivi, *patching* temporanju, tiswijiet żgħar ta' bankini, tranġar ta' tabelli tat-traffiku kif ukoll, kienu responsabbli mir-*refurbishing* li sar fl-uffiċċju amministrattiv. Bl-għan li anke dan il-qasam ikompli jissaħħaħ, il-Kunsill Lokali kompla bil-parteċipazzjoni tiegħu fl-iskema mnedija mill-Korporazzjoni għas-Servizzi u Taħriġ, fejn komplew jintbagħatu aktar ħaddiema biex jgħinu lill-ħaddiema assenjati fix-xogħolijiet ta' manutenzjoni. Minkejja l-fatt, li din l-iskema timplika li n-nies mibgħuta jkunu fuq bażi temporanju ta' sitt xhur biss, madankollu, dan it-terminu qed jiġi mġedded u dan wassal sabiex l-ewwel ħaddiem assenjat minn din l-iskema daħal fit-tielet term tiegħu.

Minħabba li dan hu servizz importanti ħafna għall-lokalita' u l-ħaddiem wettaq xogħol tajjeb ħafna, l-Kunsill Lokali nsista mal-Korporazzjoni msemmija, sabiex jiġu assenjati aktar nies u fil-fatt, matul din is-sena finanzjarja ntbagħatu tliet ħaddiema oħra, li minnhom wieħed ġie trasferit f'settur ieħor. Il-Kunsill ma tantx laqa' tajjeb din id-deċiżjoni minħabba l-fatt, li l-persuna assenjata kienet qed twettaq xogħol siewi fil-librerija pubblika u cioe' billi jgħin lill-librara sabiex tiġi *updated* d-*database* digitali billi jiġu reġistrati l-kotba kollha eżistenti kif ukoll, dawk li l-Kunsill xtara jew irċieva b'donazzjoni

Kif kien mħabbar fir-rapport amministrattiv preċedent, ir-riforma tal-Kunsilli Lokali ħasbet għall-introduzzjoni tal-*Public Private Partnership* fl-iżvilupp infrastruttuali, fejn wara li saru talbiet lill-Kunislli Lokali, l-

Gvern Ċentrali għamel l-evalwazzjonijiet neċessarji u beda japprova s-sottomissjonijiet. Kif issema aktar 'l fuq, anke t-talba ta' dan il-Kunsill Lokali ntlaqgħet u għalhekk matul ix-xhur sajfin saret il-ħidma neċessarja sabiex jitħejjew id-dokumenti neċessarji biex tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti. Fil-fatt, dan sar u l-Kunsill qiegħed fil-fażi t'evalwazzjoni sabiex il-Kumitat maħtur internament iħejji rakkomandazzjoni biex tiġi diskussa u deċiża waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Tajjeb li jingħad li proġetti simili u cioe' dawk li jeċċedu t-*threshold* stabbilita' mill-Unjoni Ewropea, jkunu jridu jiġu ppublikati fil-*European Journal* u dan il-fattur iwassal sabiex il-perjodu li s-sejħa tkun miftuħa għall-pubbliku, tkun itwal minn dik normalment applikata sabiex anke kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jissottomettu l-offerta tagħhom.

Din kienet it-tieni sejħa li saret fuq din il-proċedura, minħabba l-fatt, li f'Ġunju 2010, il-Kunsill ippubblika sejħa oħra għall-offerti u cioe' dik tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste & Hiring of Skips*.

Bla dubju, dan is-servizz ambjentali ma setax jitwaqqaf u għalhekk kif inhi l-pratika regolari, l-Kunsill kompla jestendi l-kuntratt lill-Emanuel Mifsud sakemm tigi eżawrita l-proċedura kollha. Intant, matul din is-sena finanzjarja ġew estiżi kuntratti oħra u cioe' lil *Contract Manager* ta' l-Ambjent Alfred Portelli, lid-ditta *E.L.C.* responsabbli miż-żamma u l-manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi kif ukoll, il-kuntratti tal-poloz t'assikurazzjoni u marki taż-żebgħa u sinjali tat-traffiku lid-ditti *AON Insurance Brokers* u lill-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali rispettivament.

Matul din is-sena finanzjarja, ġew ppubblikati Sejħiet għall-Offerti għall-

i. *GLC001/2010 - Resurfacing Works in Samuel Taylor Coleridge, Immaculate Conception and Nicola Cottoner Streets ppubblikata f'April 2010*

ii *GLC002/2010 - Mixed Household Waste ippubblika f'Gunju 2010*

iii *GLC003/2010 – Resurfacing Works in Triq Sir Patrick Stuart u Triq Sir Frederick C. Ponsonby ippubblikata f'Novembru 2010 - Public Private Partnership*

Mill-offerti hawn fuq imsemmija tnejn minnhom ġew evalwati u deċiżi u cioe' l-ewwel sejħa għall-offerti ġiet mirbuħa mid-ditta *Road Servicing LTD* filwaqt li t-tieni waħda, ntrebħet minn Emmanuel Mifsud madanakollu, l-Kunsill ma setax jipprosegwi bid-deċiżjoni tiegħu minħabba l-fatt, li s-sottomettent l-ieħor appella d-deċiżjoni tal-Kunsill u għalhekk il-każ qiegħed quddiem il-Bord ta' l-Appell. Sa l-aħħar tas-

sena 2010, l-aħħar Sejħa għall-Offerti kienet għadha ma ġietx aġġudikata.

A bazi ta' l-introduzzjoni l-ġdida, b'eżitu tar-riforma tal-Gvern Ċentrali, l-Kunsill ippubblika tmien kwotazzjonijiet li kienu

- *GLC Quote 001/2010 - Server Rack and UPS*
- *GLC Quote 002/2010 - PBX and IP Phones*
- *GLC Quote 003/2010 - Laptops and Photocopier*
- *GLC Quote 004/2010 - Air Condition Units*
- *GLC Quote 005/2010 - Server Rack*
- *GLC Quote 006/2010 - Culvert Cleaning*
- *GLC Quote 007/2010 - Christmas Street Lighting  Decorations*
- *GLC Quote 008/2010 - Security Systems*

Anke fir-rispett ta' dawn il-kwotazzjonijiet, nħatru *Boards* ta' aġġudikazzjoni sabiex setgħu jitressqu r-rakkomandazzjonijiet matul il-laqgħat tal-Kunsill. Fil-fatt, il-kwotazzjonijiet kollha ġew aġġudikati u mirbuħa minn ditti differenti u cioe' mid-ditti *Forestals, Intercomp, I.B.I.S., M.A.&A. Services Ltd.*, *General Ecological Services Co. Ltd., Victor Tedesco* u *Alberta* rispettivament. Tajjeb li jingħad li fir-rispett tas-*Server Rack*, matul il-laqgħa li saret fil-25 ta' Frar 2010, a bazi tar-raġuni mogħtija li kienet, li minħabba li kien hemm prijoritajiet oħra u biex ma ssirx pressjoni fuq il-*cash flow*, ġa la darba r-*rack* ma kienx marbut bħala parti mis-*server*, din il-kwotazzjoni segħtet titħalla u tinħareġ kwotazzjoni oħra wara li l-Kunsill jirċievi t-tieni *tranch* ta' l-allokazzjoni jiġifieri wara April 2010 u għalhekk reġgħet ġiet ppubblikata f'Ġunju 2010.

Bħala parti mill-pjan tal-Gvern Ċentrali dwar ir-riforma fl-Immanigjar ta' l-Iskart, l-Kunsilli Lokali kollha ġew mitluba li jiffirmaw kuntratt ma' kumpanija li tkun responsabbli mill-Iskart Reċiklabbli biss. Fil-fatt, wara li l-Kunsill Lokali għamel laqgħat maż-ħewġ kumpaniji rakkomandati mill-istess Gvern, matul il-laqgha tal-Kunsill li saret fil-25 ta' Frar 2010, qabel unanimament li għandu jiffirma l-kuntratt mad-ditta *Green MT*. B'hekk mill-15 Marzu 2010, din id-ditta saret ufficjalment responsabbli minn dan is-settur fil-lokalita' tal-Gzira.

Il-Kunsill attenda laqgħat ta'

- l-Infurzar Lokali li ġew msejħa mill-Kumitat Konġunt *Group* H.

- *seminars informattivi* msejħa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Informazzjoni u Djalogu Pubbliku, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

- mal-Pulizija tad-Distrett Sliema

- *Vice Squad*
- *Criminal Investigation Department*
- *Drug Squad*
- *Traffic Section*
- Rappreżentanti tal-Ministeru għall-Ambjent u Żvilupp Rurali
- Direttorati fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta
- Laqghat tal-M.E.P.A. u U.I.F.
- Ditti li joffru servizzi ta' skart separat skont l-iskemi l-ġodda maħruġa mill-Gvern Ċentrali
- Rappreżentanti tal-Wasteserv
- Rappreżentanti ta' l-E.T.C. responsabbli mill-Iskemi ta' Ħidma fil-Komunita'
- Diversi kumpaniji kummerċjali privati
- Diversi għaqdiet lokali u NGOs

Minn din is-sena finanzjarja, uħud mill-impjegati tal-Kunsill Lokali attendew ukoll taħriġ dwar *front office skills* organizzat mill-*Staff Development Unit* fi ħdan is-Segretarjat responsabbli mill-Gvern Lokali.

## c. <u>Rapport ta' Nfieq Finanzjarju.</u>

Il-Kunsill żamm l-'i*standard*' tas-servizzi u anke f'ċertu każijiet tejjibhom. Il-koperazzjoni tal-Gvern Ċentrali għenet fin-nefqa kapitali tal-proġetti nfrastrutturali.

Bħalma sar matul is-sena finanzjarja preċedenti, l-Gvern Ċentrali trammite tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ta struzzjonijiet lill-Kunsill Lokali li l-ammonti allokati għall-manutenzjoni ta' toroq, li jinkludu ukoll tindif ta' toroq, jridu jintużgħaw bilfors għall-iskop li ngħataw sakemm ma jkunx hemm awtorizazzjoni oħra mill-istess Dipartiment altrementi, l-Kunsill Lokali jkun suġġett għal tnaqqis fil-pagament sussegwenti minħabba l-fatt, li l-allokazzjoni diretta kif imsemmija fl-introduzzjoni ta' dan ir-rapport, ma tingħatax f'ammont ħolistiku fil-bidu tas-sena iżda titqassam fuq erba' *tranches*.

In-nefqa mill-Kunsill Lokali kienet ikkonċentrata partikularment fuq il-punti hawn taħt msemmija:

(i) Tindif
(ii) Sinjali w Marki tat-toroq inkluż *parking bays*
(iii) Manutenzjoni ta' toroq, bankini, r*ubber speed moderators u culverts*
(iv) Servizzi Professjonali
(v) Ġonna
(vi) Dawl

## d. Amministrazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill iħares lejn il-ħidma tiegħu għas-sena Jannar sa Diċembru 2010 bħala waħda sodisfaċenti.

Matul il-perjodu 1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010, issejħu 14 –il laqgħa tal-Kunsill Lokali li minnhom tnejn ma sarux minħabba l-fatt, li għas-sejħa biex isir laqgħa fl-1 t'April 2010, ma kienx hemm quorum filwaqt, li l-laqgħa msejħa għall-15 ta' Diċembru 2010, din ġiet posposta. Għadaqstant, b'kollox saru 12 –il laqgħa u l-attendenza għalihom kienet kif hawn taħt elenkat:

| | Laqgħat | Preżenti | Skuzati | Assenti | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|---|
| Chris Bonett | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Joseph Camilleri | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Anthony Abela | 12 | 11 | 1 | 0 | 93% |
| Anthony Grech | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Ian Micallef | 12 | 11 | 1 | 0 | 93% |
| Malcom Camilleri | 12 | 8 | 4 | 0 | 71% |
| Victor P Rutter | 12 | 9 | 3 | 0 | 79% |

In vista ta' l-introduzzjoni li l-uffiċċju amministrattiv jinfetah is-Sibt fil-għodu sabiex tingħata aktar aċċessibbilita' lill-pubbliku, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali laqa' t-talba ta' dan l-Kunsill Lokali sabiex jingaġġa persuna oħra fuq bażi *part-time*. Fil-fatt, b'kollaborazzjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi u Taħrig, l-Kunsill Lokali eżawrixxa l-proċedura stabbilita' u wara li saru diversi ntervisti, ġie magħżul Mattia Felice. B'hekk, mill-1 ta' Frar 2010, l-amministrazzjoni ta' dan il-Kunsill Lokali laqgħet fi ħdanha mpjegat ieħor u dan bl-għan li jkompli jittejjeb is-servizz lill-pubbliku in ġenerali. Il-Kunsill Lokali jawgura lil Mattia Felice, ħidma fejjieda b'risq il-Komunita' Gżirjana.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kumitat ta' l-Anzjani organizza ħarġa soċjali kull xahar għall-Anzjani, kif ukoll, żjarat lill-Anzjani kemm fil-lokalita' u fir-residenzi ta' l-Anzjani.

Matul l-2010, is-servizzi tal-*Contract Managers* komplew jissaħħu f'kull livell biex jassiguraw li l-flus jintefqu bl-aħjar mod għax barra li x-xogħlijiet kollha saru taħt id-direzzjoni ta' nies speċjalizzati, sar anke l-*cost analysis* meħtieġ u ġew ukoll iċ-ċertifikati minnhom dwar il-kwalita' u *value for money*.

## e. Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2012

Kif wieħed setgħa jinnota matul din is-sena ta' ħidma, l-Kunsill kompla għaddej b'impenn kemm fuq dak li kien nbeda jew ġie ppjanat fis-sena preċedenti kif ukoll, f'ċertu oqsma kabbar il-proġetti u kompla b'ħidmiet oħra ta' manutenzjoni fil-lokalita'.

Din is-sena serviet, biex il-Kunsill kompla saħħaħ il-pożizzjoni tiegħu u għalhekk, kompla bil-pjan tiegħu skont ir-responsabbilitajiet mogħtija fil-bidu tal-leġislatura sabiex il-programm intensiv ta' twettiq ta' xogħol setgħa jkompli jiġi eżawrit kif ukoll, fejn kien neċessarju ġew introdotti kunċetti ġodda biex kien possibbli li jittejjeb is-servizz mogħti lill-Komunita' tagħna. Bla dubju, l-ħidma mwettqa matul din is-sena kompliet turi l-impenn serju ta' dan il-Kunsill, mhux biss lejn ir-residenti iżda ukoll, lejn il-Komunita' kummeċjali u kull min jagħmel użu mill-lokalita' tagħna.

## f. Għeluq

Il-Kunsill huwa sodisfatt bil-ħidma li għamel matul is-sena finanzjarja Jannar 2010 sa Dicembru 2010 li għalqet bi bilanċ favorevoli.

Kemm fit-titjib li hemm propost fil-politika ġenerali dwar il-Kunsill kif ukoll, fit-tħejjija tad-devoluzzjoni ta' aktar poteri mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsill, għandhom iqawwuh biex jaħdem b'aktar impenn.

Fl-aħħarnett, nawguraw li bil-ħidma flimkien mar-residenti, Għaqdiet u l-Komunita' Kummerċjali, l-lokalita' tal-Gżira jkollha Kunsill li jkun laħaq is-suċċess mistenni minnhom.

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv